# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 495/2010 AE**

**Grace Borg u Andrea Milana, it-tnejn f'isimhom proprju u bhala proprjetarji u rapprezentanti f'isem id-ditta operanti bl-isem "Exotique Record Label"**

**v.**

**Public Broadcasting Services Limited u ghal kull interess li jista' jkollha Thea Falzon Garrett**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Grace Borg et ipprezentat fit-13 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu nghad:

> "Illi din hija talba ghal danni naxxenti mill-agir illegali u partecipazzjoni volontarja ta' l-intimata Public Broadcasting Services Limited (ukoll hawn PBS) fi vjolazzjoni ta' kuntratt ta' l-bejn l-atturi (ghalkemm iffirmat minn Grace Borg) wahedha u l-intimata l-ohra Thea Falzon Garrett; l-intimata Public Broadcasting Services Limited qed tippartecipa fi vjolazzjoni tal-kuntratt inter alia ghall-gwadann u pubblicita` taghha

(Dok GB1) sabiex l-istess intimata PBS taghmel gwadann hi li skond il-kuntratt jispetta lill-atturi;

“Illi essenzjalment il-fatti huma illi l-esponenti ghandha in vigore kuntratt ta’ *exclusive artists’ management* agreement ma’ Thea Falzon Garrett: dan il-kuntratt huwa soggett illum ghal proceduri Rikors Nru 149/2010FS quddiem din il-Qorti, fejn qed tintalab *inter alia* dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni tal-kuntratt ta’ exlusive artists management agreement u likwidazzjoni u hlas ta’ danni; illi kif inhuwa maghruf u fatt pubbliku, Ms Falzon Garrett giet maghzula biex tirraprezenta lil Malta fil-Eurovision Song Festival;

“Illi illum jirrizulta illi l-intimata Public Broadcasting Services Limited illum ghandha f’idejha il-gestjoni u l-organizzazzjoni tal-Malta Eurosong u l-partecipazzjoni ghall-Eurovision gewwa Oslo f’Mejju li gej, fejn qabel din l-organizzazzjoni kienet f’idejn Malta Song Board fi hdan l-Ministeru tal-kultura; skond il-prassi tal-passat, f’kaz ta’ kull partecipazzjoni fl-Eurovision Song Contest, isir ftehim mal-organizzaturi illi l-kantanta flimkien mal-kompozitur u l-awtur jaghtu commitment ta’ partecipazzjoni kull fejn rikjest u jcedu certu drittijiet;

“Illi l-konvenuta Public Broadcasting Services Limited qeghda volontarjament u minkejja li giet avzata bi protest gudizzjarju (DOK GB2) tippartecipa attivament fi vjolazzjoni ta’ kuntratt li ghandhom l-atturi ma’ l-intimata Falzon Gattett u attivament taghti l-appogg taghha lill-intimata Falzon Garrett u anke lil organizzaturi tal-European Song Festival tal-European Broadcasting Union; b’hekk jinkisru d-drittijiet ta’ l-atturi u anke sabiex l-istess PBS taghmel gwadann li skond il-kuntratt jispetta lill-attur; illi din l-agir illegali u partecipazzjoni attiva fi vjolazzjoni ta’ kuntratt tirrendi responsabbli lill-intimata PBS;

**“Uzu mhux awtorizzat u allura abbuz ta’ drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali.**

“Illi minn informazzjoni li ghandna minn management ta’ kantanta li partecipat fil-final, dawn intalbu jcedu certu drittijiet li fir-realta` dawn huma tal-management u ta’ hadd aktar. Fil-fatt certu kuntratti ma gewx iffirmati. Il-PBS ghaddew drittijiet lil terzi entitajiet bhal socjeta GO sabiex dawn juzaw ir-ring tone tal-kanzunetta rebbieha imma d-dritt u l-interess proprjetarju mhuwiex tal-PBS. Zgur ukoll li gie ffirmat kuntratt ma’ kumpanija barranija sabiex jiehdu d-drittijiet li jigu mhallsa bil-quddiem fejn id-diska rebbieha tigi inkluza f’album li jinbiegh internazzjonalment.

“Illi l-prassi u l-prattika fil-passat dejjem kienet illi l-organizing Board joqghod attent illi jara illi ma jkunx hemm diffikultajiet bejn il-kantanta u l-gestjoni taghhom jew meta nqalghu, l-organizing board, dejjem kien pront illi jara illi jigu rizolti;

“Illi ghalhekk gie notifikat Protest lill-intimata PBS sabiex ingib dan kollu a formali konjizzjoni ta’ l-intimata, kif ukoll bir-responsabbilta` taghha

kemm kummercjali kif ukoll mill-aspett regolatorju illi tqi u tara illi din is-sitwazzjoni hija rizolta;

"Illi l-esponenti jishqu illi huma ghandhom exclusive management agreement vigenti mal-artista s-Sinjorina Thea Falzon Garrett, li ghandu validita` ta' sena u jista' jigi biss terminat qabel b'kunsens ta' zewg partijiet u ghalhekk ghadu tuttora vigenti;

"Illi qed jirrizulta wkoll illi l-kumpanija intimata, li l-azzjonististi ahharija taghha huma l-Gvern ta' Malta u l-Malta Government Investments Limited u ghalhekk it-tmexxija taghha nomina u kontrollata mill-amministrazzjoni pubblika ghandha responsabiltajiet u mhux qed tiehu posizzjoni ta' imparzjalita` jew skond il-ligi tiddesisti milli tippartecipa f'allegat ksur ta' kuntratt; dan qed jikkrea danni u ptenzjalment danni qawwija lill-esponenti li qed igib is-suespost anke preventivament a konjizzjoni ta' l-intimata;

"Illu dan kollu inghad lill-intimati permez ta' Protest Gudizzjarju u korrispondenza estensiva, izda kollu inutilment;

"GHALDAQSTANT L-ESPONENTI titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti lli din joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata Public Broadcasting Services Limited in kwantu agixxiet illegalment kif fuq premess u ippartecipat attivament u volontarament bi xjenza shiha tal-konsegwenzi f'vjolazzjoni kontrattwali mill-intimata l-ohra Thea Falzon Garrett, l-istess Public Broadcasting Services Limited irrendiet ruhha responsabbli f'vjolazzjoni ta' kuntratt u b'hekk responsabbli solidalment mal-intimata Falzon Garrett ghad-danni versu l-atturi;

"2. Tillikwida d-danni hekk kawzati;

"3. Tikkundanna lill-konvenuta Public Broadcasting Sercvices Limited u sa fejn hija wkoll responsabbli lill-intimata l-ohra Thea Falzon Garrett solidalment thallas jew ihallsu solidalment id-danni hekk likwidati;

"4. Tinibixxi u tipprojbixxi lil-intimata Public Broadcasting Services Limited, milli tkompli f'dan l-agir illegali mal-intimata Falzon Garrett.

"Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt jew azzjoni fil-Ligi."

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited, tal-21 ta' Gunju, 2010, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

“2. Illi l-fatti dikjarat fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi (i) ma hemm l-ebda kuntratt in vigore u (ii) kwalsiasi ksur ta’ dak il-kuntratt da parti ta’ Thea Falzon Garrett (liema ksur huwa kkontestat) ma jnaqqasx mill-fatt li l-eccijenti agixxiet bhala persuna responsabbli entro l-limiti tad-drittijiet taghha.

“3. Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-eccipjenti tirriserva, ghalissa, l-posizzjoni taghha.

“4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. L-eccipjenti ma ppartecipat f’ebda vjolazzjoni ta’ kuntratt izda anzi agixxietbhala persuna responsabbli entro l-parametri tad-drittijiet taghha.

“5. Illi l-fatti dikjara fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati inter alia ghaliex l-atturi ma jgawdu minn ebda dritt bhal dak minnhom previst u ghaliex fi kwalsiasi kaz l-eccipjenti ma ksiru ebda dritt tal-atturi. Stante li uhud mill-allegazzjonijiet huma supposizzjonijiet l-eccipjenti tirriserva li tikkummenta aktar dettaljatament meta jkun il-waqt.

“6. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati izda huwa evidenti li f’dan il-kaz ma setgha jintlahaq ebda ftehim bejn l-atturi u Thea Falzon Garrett;

“7. Illi l-fatti dikjarati fis-seba’ paragrafu attrici ma humiex kontestati izda dan ma jitfa’ ebda dawl fuq l-allegazzjonijiet tal-atturi;

“8. Illi l-fatti dikjarati fit-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati u l-mertu fi kwalsiasi kaz jifforma parti ta’ procedura pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.

“9. Illi l-fatti dikjarati fid-disa’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma frivoli u minghajr ebda bazi;

“10. Illi l-fatti dikjarati fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

“**Eccezzjonijiet:**

“1. Illi in kwantu li t-talba attrici hija bbazata fuq il-premessa li Thea Falzon Garrett kissret xi rabta kuntrattwali li kellha mal-atturi, din hija intempestiva billi l-azzjoni li permezz taghha ghandu jigi stabbilit tali ksur tinsab pendenti quddiem Qorti ohra u f’din il-kawza ma hemm l-ebda talba ghal tali dikjarazzjoni;

“2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-atturi kollha f’din il-kawza ghandhom jiddimostraw l-interess taghhom fil-parametri

tal-ligi billi ma jidhirx li kellhom xi rabta kontrattwali mal-eccipjenti;

"3. Illi fit-tielet lok bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-eccipjenti ma kkawzat l-ebda dannu lill-atturi u agiet biss entro il-parametri tad-drittijiet taghha bhala persuna responsabbli;

"4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghas-suespost li l-eccipjenti ma kellha ebda relazzjoni mal-atturi jew min minnhom u ghalhekk ma kissret l-ebda obbligu li setghet kellha fil-konfront taghhom;

"5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost li l-kuntratt mertu ta' din il-kawza kien gie terminat validament;

"6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost li l-eccipjenti ma vvjolat ebda drittijiet ta' proprjeta` industrijali li setghukellhom l-atturi; Ghal kull bon fini jigi eccepit li b'effett tar-rabta kontrattwali premessa mill-atturi huma ma gawdew fil-fatt ebda drittijiet intelletwali;

"7. Illit-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

"8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

"9. B'rizerva ta'kull azzjoni spettanti ghad-danni jew kumpens mod iehor fil-konfront tal-atturi."

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta Thea Falzon Garrett, tat-22 ta' Gunju, 2010, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"1. Illi, fl-ewwel lok, **f'kawza ohra** li r-rikorrenti odjerni intavolaw fil-konfront tal-esponenti fis-**17 ta' Frar, 2010 (Rikors Guramentat Numru 149/2010CFS),** bazata specifikament fuq l-allegazzjoni li l-istess rikorrenti ikkontrattaw ma' l-esponenti "exclusive artist and management agreement", l-esponenti ressqet it-twegiba kif jidher skond id-dokument hawn anness (Dokument TFG).

"Jigi rilevat illi fil-kawza l-ohra hawn citata huwa l-kaz li mhux biss ir-rikorrenti odjerni qeghdin jibbazaw ruhhom fuq allegazzjoni ta' ksur ta' kuntratt bejnhom u bejn l-esponenti kif fil-fatt qeghdin jaghmlu f'din il-kawza, izda wkoll **fiz-zewg kawzi** r-rikorrenti qeghdin jagixxu ghad-danni in bazi ghall-ksur allegat.

"Ghaldaqstant l-esponenti qeghda twiegeb hawnhekk safejn huwa applikabbli kif wiegbet ukoll fil-kawza precedenti Rikors 149/2010 CFS (Dokument TFG). Senjatament hija tishaq illi:

“(i) il-pretensjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-esistenza ta’ hekk imsejjah ‘exclusive artist’s management agreement’ hija ghal kollox insostenibbli skond il-ligi; u

“(ii) wisq anqas jista’ jinghad li l-esponenti qatt intrabtet b’xi mod mar-rikorrent Andrea Milana li flimkien mar-rikorrenti l-ohra irid jippromwovi l-interessi ta’ ‘Exotique Record Label’, ditta li bejnha u bejn l-esponenti ma tezisti l-ebda rabta kwalsiasi.

“2. Illi konsegwentement l-esponenti tghid li l-pretensjoni tar-rikorrenti dwar **‘uzu mhux awtorizzat u allura abbuziv ta’ drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali’** hija pretensjoni, bir-rispett, totalment irrizorja legalment. **Ir-rikorrenti m’huma fl-ebda posizzjoni skond il-ligi li jivvantaw il-kisba ta’ xi forma ta’ drittijiet intellettwali fil-konfront ta’ l-esponenti**. Ir-rikorrenti mhux talli ma jistghu bl-ebda serjeta` skond il-ligi jivvantaw drittijiet intellettwali, izda fil-verita` fl-assenza ta’ tali drittijiet jew ta’ xi dritt iehor legalment sostenibbli **ghamlu minn kollox biex jirrendu l-partecipazzjoni tal-esponenti fil-‘Eurovision Song Contest’ impossibbli** safejn kien jiddependi minnhom.

“Kif ser jigi provat ir-rikorrenti hadu kull pass immaginabbli, sew lokalment kif ukoll barra l-pajjiz, biex l-esponenti tigi stulifikata. Huma ghamlu dan in pjena konoxxenza li l-kaz kollu jinsab **sub judice** b’ardir shih u b’disprezz lejn l-awtorita` tal-Qrati.

“3. Illi f’kull kaz irid jinghad illi l-esponenti fl-ebda stadju ma nkarigat lill-Public Broadcasting Services Limited biex jagixxu bhala ‘manager’ taghha.

“4. Illi skond il-provi li ser jigu akkwiziti l-espoenti tghid bir-rispett li r-rikorrenti ghandhom jigu kkundannati ghal ‘doppie spese’ konsidrata l-frivolita` tal-pretensjonijiet taghhom; u dan minbarra li qieghed jigi riservat id-dritt tal-esponenti li tagixxi kontra r-rikorrenti ghar-risarciment ta’ danni minnha subiti.”

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Dicembru, 2013, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

“1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-PBS bl-ispejjez kontra taghha.
“2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-PBS ghalkemm tikkonferma li din il-konvenuta ma kellix rabta kuntrattwali mal-atturi. Spejjez a karigu tal-PBS.
“3. Tilqa’ t-tielet u raba’ eccezzjoni tal-PBS u tichad it-talbiet kontra taghha.

"4. Tiddikjara li l-konvenuta Thea Falzon Garrett giet imharrka inutilment peress li l-pretensjoni tal-atturi hi diga' oggett tal-kawza Grace Borg et vs Sergio Falzon et nomine (149/2010) prezentata fis-17 ta' Frar 2010 u li qeghda tinstema' quddiem din il-qorti diversament presjeduta. Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tiddikjara li:-

"(a) Tichad it-talbiet tal-attur Andrea Milana;
"(b) Tiddikjara li ma nghatat l-ebda prova li Exotique Record Label hi persuna guridika u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;
"(c) Tibqa' impregudikata l-kwistjoni bejn Grace Borg personalment u Thea Falzon Garrett fir-rigward tal-*exclusive artists management agreement* in kwantu l-pretensjoni ta' Borg diga` qeghda tigi trattata fil-kawza 149/2010, u ghalhekk ghal finijiet ta' din il-kawza biss tillibera lill-konvenuta Falzon Garrett mill-osservanza tal-gudizzju.

"Spejjez a karigu tal-atturi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-qorti rat l-atti.

"Permezz ta' rikors guramentat iehor prezentat fis-17 ta' Frar 2010[1], l-atturi harrku lill-konvenuta Thea Falzon Garrett minhabba allegat ksur tal-kuntratt ta' *exclusive artist management agreement* u qeghdin jippretendu l-hlas ta' danni. L-ilment tal-atturi jinkludi li l-konvenuta: *"[...] ivvjolat il-kuntratt ta' exclusive artist management agreement; Grace Borg giet prekluza milli tigi kkunsidrata minn certi posizzjoni anke mal-PBS billi kienet taghmel dan ix-xoghol ta' artist management agreement u b'hekk tilfet opportunitajiet ta' qliegh*". F'dik il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu:-

*"(i) illi l-intimati jew min minnhom solidalment ivvjolaw il-kuntratt ta' exclusive artist management agreement li sar bejniethom.*
*"(ii) illi in konsegwenza ta' dan u ghar-ragunijiet ohra indikati fil-premessi tar-rikors, ir-rikorrrenti sofrew danni, inkluzi telf ta' qligh u danni reputazzjonali, ghamlu hafna spejjez u tilfu qliegh u opportunitajiet.*
*"(iii) tillikwida l-ammont ta' danni inkluzi telf ta' qliegh u danni reputazzjonali, spejjez u telf ta' qligh u danni naxxenti minn telf ta' opportunitajiet ghal liema ammont l-intimati jew min minnhom solidalment;*
*"(iv) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu l-ammont hekk likwidat.".*

[1] Grace Borg et vs Sergio Falzon et nomine (149/2010).

"Il-kuntratt li l-atturi rriferew ghalih fir-rikors guramentat jinsab a fol. 5 tal-process. Fih jinghad li l-konvenuta Falzon Garrett kienet qeghda tappunta lill-attrici Borg:-

*"[...] as personal manager and sole and exclusive director coordinator, to represent the artists in all aspects of entertainment industry (inclusive publicity and type of media). The appointment is valid for a period of one (1) year". Fil-ftehim jinghad li: "The artists shall not engage any other person, firm or corporation to act on their behalf and shall not act in such a capacity. It is also agreed that all enquiries and offers of employment in the entertainment industry from any other person, firm or corporation shall be referred to the sole manager, who in turn agrees to negotiate such enquiries or offers on behalf of the artists.".* Il-kuntratt iffirmatu l-attrici u l-genituri ta' Falzon Garrett. Il-konvenuta l-ohra ma kenitx parti ghal tali ftehim.

"Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-kumpannija konvenuta ssostni li peress li l-kawza hi bazata fuq il-premessa li Thea Falzon Garrett kisret rabta kuntrattwali li kellha mal-atturi, l-azzjoni hi intempestiva peress li fil-kawza numru 149/2010 ghandu jigi stabbilit jekk kienx hemm ksur ta' rabta kuntrattwali. Il-qorti ma taqbilx. Dan il-kaz hu bazat fuq il-premessa li l-Public Broadcasting Services Limited kkagunat hsara lill-atturi ghaliex kienet qeghda taghti appogg lill-kantanta u l-organizzaturi tal-European Song Festival tal-European Broadcasting Union meta kienet taf li hemm kuntratt bejn il-konvenuta l-ohra u l-atturi.

"Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, l-atturi jsostnu li l-Public Broadcasting Services Limited kienet taf bl-ezistenza tal-kuntratt u xorta dahlet fi ftehim mal-konvenuta l-ohra u b'hekk irrendiet ruhha "responsabbli fi vjolazzjoni ta' kuntratt" (ara l-ewwel talba). Il-kumpannija konvenuta ma kenitx parti ghall-iskrittura Dok. GB1 (fol. 5). Mela zgur li l-atturi ma jistghux jilmentaw li hemm xi ksur kuntrattwali min-naha tal-Public Broadcastaing Services Limited. L-iktar li jistghu jallegaw hu li kien hemm xi kulpa akwiljana[2] li ovvjament iridu jaghtu prova taghha. 'Il fatt li attur ma jressaqx provi sodisfacenti dwar il-meritu fir-rigward ta' dak li jkun qieghed jallega, ma jfissirx li m'ghandux interess guridiku.

"M'huwiex kontestat li fiz-zmien in kwistjoni, f'Malta l-Eurovision Song Festival kien organizzat minn Public Broadcasting Services Limited. Jidher li l-atturi qeghdin jippretendu li l-kumpannija konvenuta ma kellha l-ebda jedd li tidhol f'xi arrangamenti mal-konvenuta, gialadarba kien hemm il-ftehim fuq imsemmi. F'dan ir-rigward il-qorti
tosserva:-

> "i. Public Broadcasting Services Limited m'hijiex parti ghall-ftehim;
> "ii. L-attur Andrea Milana m'huwiex parti ghal dak il-ftehim;
> "iii. Ma saret l-ebda prova li Exotique Record Label ghandha personalita' guridika, u f'kull kaz m'hijiex parti ghall-ftehim.

[2] "Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu." (Artikolu 1031 tal- Kodici Civili).

"L-attrici spjegat li f'laqgha li kienet inzammet fuq inizjattiva tal-Ministru, li taht id-dekasteru taghha jaqa' l-PBS, saret proposta li ssir medjazzjoni. Madankollu l-familja Falzon irrifjutat. Hu evidenti li l-familja Falzon ma reditxx ikollha x'taqsam mal-attrici. Certament li f'dan kollu il-kumpannija ma setghet tahti xejn. Id-dizgwid bejn Grace Borg u l-familja Falzon kien jezisti qabel Thea Falzon Garrett rebhet il-konkors. F'dan ir-rigward il-konvenuta qalet: "*L-attakki ta' l-attrici kontrija ziedu fid-doza fis-17 ta' Frar 2010 lejliet il-finali tal-Eurosong li sehh fl-20 ta' Frar 2010*[3]*. Hija talbet Euro 15,000 kontra l-genituri tieghi bl-ghan wiehed li ttellifni mill-koncentrazzjoni fuq il-konkors. Qabel dan kienet ga ppruvat kemm il-darba twaqqafni milli nippartecipa billi kitbet b'mod arroganti lill-PBS, lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u sahansitra lill-Prim'Ministru*" (fol. 78)[4]. Il-kumpannija konvenuta kellha kull dritt li tissalvagwardja l-interessi taghha, u ma kellha l-ebda obbligu li titlob xi permess minghand l-atturi jew toqghod tindaga dwar il-kontenut ta' xi ftehim li seta' sar bejn l-attrici u l-kantanta. L-attrici qalet li: "*Jien u Andrea Milana inhossu li kien ta' detriment ghalina u ghal Thea li ma konniex inkluzi mill-PBS fil-preparamenti tad-diska My Dream u l-partecipazzjoni gewwa Oslo. Kienet akkumpanjata min-nies inkompetenti ghall-ahhar u dan kien bil-barka tal-genituri ta' Thea*" (fol. 43). Din hi opinjoni u mhux prova. Mix-xhieda ta' Thea Falzon Garrett u l-genituri taghha hu altru milli evidenti li kien hemm dizgwid kbir bejn iz-zewg partijiet u r-relazzjoni bejniethom kienet diga' ntemmet. Ta' dan zgur li ma tistax tirrispondi l-Public Broadcasting Services Limited, li kellha l-interessi taghha xi tissalvagwardja fil-preparamenti li kellhom isiru qabel Oslo. L-ironija hi li filwaqt li d-diska li biha kkompetiet il-konvenuta kien jisimha "*My Dream*", din l-esperjenza qarsa ghal tfajla minorenni spiccat *Her Nightmare*, meta sabet ruhha f'nofs battalja legali dwar kuntratt li qatt ma kienet firmatarja ghalih u b'mandat ta' sekwestru ghal somma konsiderevoli ta' flus. Dan fi zmien meta suppost kienet qeghda tiffoka l-energija u l-koncentrazzjoni taghha fuq il-konkorsi li kienet ser tiehu sehem fihom. F'dan ir-rigward Sergio Falzon, missier il-konvenuta, spjega kif lejliet il-konkors f'Malta, inhareg mandat ta' sekwestru ghal Ewro 15,000 (fol.90). Spjega wkoll kif lejliet li bintu telqet lejn Oslo, l-attrici harget sekwestru iehor, dik id-darba ghas-somma ta' Ewro 18,333[5]. Fil-fehma tal-qorti meta tqies li dawn il-mandati kawtelatorji nhargu kontra zaghzugha li kienet ghadha fil-bidu ta' karriera fil-muzika, ma setghu jkunu xejn ghajr manuvri biex jiddemoralizzaw u joholqu ansjeta' bla bzonn lill-kantanta u l-familja taghha. Sahansitra rrizulta li wkoll l-isponsorship li l-konvenuta kienet ser tircievi minghand Go plc u Debenhams, tilfithom. Agir li ma jirrifletti xejn sabih fuq l-attrici li fl-affidavit taghha tant ftahret li skopriet u rawmet it-talent tal-konvenuta. Dan ovvjament ma jfissirx li min

[3] Hawnhekk ix-xhud qeghda tirreferi ghall-Malta Eurovision Song Festival.

[4] Ara wkoll email mibghuta mill-attrici lill-konvenuta fejn infurmata li: "You and your parents were informed that once you sign, all decisions had to go through me but sorry to say it was your mother who wanted things her way and you do not have a say……… Without prejudice I will release you from your contract as long as you will pay for your preferential time and opportunites given to you. Pls be advised that you will be in breach of contract should you decide to sign any documents related to music." (fol. 93).

[5] Mandat 751/2010 mahrug fit-13 ta' Mejju 2010.

jippretendi li ghandu drittijiet ma ghandux dritt li jirrikorri quddiem il-qorti. Pero' f'dan il-kaz il-qorti hadet l-impressjoni li l-attrici kienet *trigger happy* sabiex tpoggi lil din iz-zaghzugha f'diffikulta' bla bzonn fi zmien meta suppost kienet qeghda tgawdi dawk il-mumenti sbieh.

"Il-qorti lanqas ma tifhem kif l-attrici tippretendi li kellha tkun involuta f'dak li sar wara li l-konvenuta rebhet il-konkors f'Malta, meta jirrizulta li ma kenitx riedet li l-kantanta tippartecipa fil-konkors bil-kanzunetta li eventwalment rebhet izda b'diska ohra ta' zewg kompozituri Germanizi[6].

"L-atturi ghamlu wkoll riferenza ghall "*abbuz ta' drittijiet ta' proprjeta intelletwali*". Pero ma ressqux provi li ghandhom xi proprjeta' intelletwali. Fir-rikors guramentat allegaw li ghandhom *"[...] certu drittijiet li fir-realta' dawn huma tal-management u ta' hadd iktar*", minghajr ma qalu x'inhuma u kif inkissru. M'hemmx prova li l-proprjeta' intelletwali tal-kanzunetta rebbieha fil-Malta Eurovision Song Festival hi tal-atturi.

"Ghal dak li jikkoncerna l-pretensjoni tal-atturi fil-konfront ta' Thea Falzon Garrett, din giet imharrka inutilment. L-istess atturi kienu diga' harrkuha ghad-danni minhabba li jallegaw li "*abbandunat u bl-agir taghha unilateralment itterminat il-kuntratt*"[7]. Kawza li hi pendenti u fejn fost'affarijiet ohra qieghed jigi kkontestat il-validita' ta' dak li l-atturi qeghdin isejhulu bhala *exclusive artists management agreement*. Li hu cert hu li:-

> "(a) L-atturi ma taw l-ebda prova li jgawdu minn xi proprjeta' intelletwali fil-konfront tal-konvenuta Falzon Garrett;
>
> "(b) In kwantu l-azzjoni hi bbazata wkoll fuq il-kuntratt imsejjah mill-attrici bhala *exclusive artists management agreement*, l-attur Andrea Milana ma kienx firmatarju tal-kuntratt. Fil-fatt il-kuntratt huma parti ghalih il-genituri ta' Falzon Garett u Grace Borg li ffirmat f'isimha. Fil-fatt fil-kuntratt jinghad li l-attrici Grace Borg qeghda tiffirma *"[…] as personal manager and sole and exclusive coordinator, to represent the artists in all aspects of entertainment indurstry.";*
>
> "(c) Ma nghatat l-ebda prova li Exotique Record Label hi xi persuna guridika;

"Fir-rigward tal-attrici Borg, il-qorti ma tqiesx li ghandha tesprimi ruhha dwar fost'affarijiet ohra jekk dak il-kuntratt jorbotx ukoll lil Falzon Garrett. Fil-fatt l-ewwel kawza (149/2010) ghadha pendenti u wahda mill-kwistjonijiet li qeghda tigi trattata hu dwar jekk il-ftehim jorbotx lill-

[6] Ara xiehda ta' Sergio Falzon, seduta tad-29 ta' Marzu 2012. L-attrici stess ikkonfermat li "Gibt Malta kompozitur Germaniz u dana kiteb diska fenomenali sabiex Thea tippartecipa fil-Eurosong." (fol. 42).
[7] Paragrafu numru 6 tar-rikors guramentat 149/2010.

> persuna li meta gie ffirmat kienet ghadha minorenni u li qatt ma ffirmat. Issa li ser jigu michuda t-talbiet kollha fil-konfront tal-Public Broadcasting Services Limited, lanqas m'ghandu jkun li din il-kawza tithalla pendenti meta diga' hemm kawza identika pendenti."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Grace Borg, f'isimha personali u bhala proprjetarja u rapprezentanti ghan-nom u f'isem id-ditta operanti bl-isem Exotique Record Label, li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet lil din il-Qorti sabiex thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2013, bin-numru Rikors Guramentat 495/10 AE, fl-ismijiet premessi. Kif ukoll, filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici sa fejn jirrigwardaw l-appellanti, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u taghti l-provvedimenti mehtiega. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha PBS), li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet li din il-Qorti tichad l-appell odjern, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Thea Falzon Garrett li permezz taghha sostniet li, s-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2018, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-partijiet, li l-appell odjern jinstema' kontestwalment mal-appell mill-kawza 149/10 LSO, peress li dik il-kawza giet deciza fil-mori ta' dan l-appell.

Rat il-verbal tal-kawza 149/2010 tas-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018, fejn din il-Qorti ddikjarat dak l-appell dezert, stante li ma kienx debitament kawtelat.

Rat li d-difensuri tal-partijiet trattaw dan l-appell waqt l-istess seduta, li baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti hemm ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija wahda ta' likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' danni bbazata fuq il-pretensjoni li l-konvenuta Thea Falzon Garrett kisret il-ftehim mal-atturi naxxenti mill-kuntratt ta' *exclusive artist management agreement,* filwaqt li s-socjetà konvenuta PBS xjentement hadet sehem u kkontribwiet ghall-ksur tal-ftehim bi gwadann li kien jispetta lill-atturi.

L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet it-talbiet tal-attur Andrea Milana, in kwantu ma kienx firmatarju ghall-ftehim citat mill-atturi u ddecidiet ukoll li ma nghatat l-ebda prova li Exotique Record Label hi xi persuna guridika, cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-PBS, u halliet impregudikati t-talbiet attrici fil-konfront ta' Thea Falzon Garrett, sa fejn tali pretensjonijiet

kienu identici ghal dawk f'kawza ohra pendenti bejn l-istess atturi u Falzon Garrett (Rikors Numru 149/2010).

Ghandu jinghad mal-ewwel illi, sa fejn is-sentenza appellata halliet impregudikata t-talbiet attrici appellanti fil-konfront tal-konvenuta appellata Thea Falzon Garrett, rigward l-*exclusive artist management agreement*, peress li tali pretensjoni kienet oggett tal-kawza l-ohra li ggib referenza 149/2010, illum il-gurnata, dik il-kawza l-ohra giet deciza fis-sens illi dak il-ftehim m'ghandu l-ebda validità legali fil-konfront tal-konvenuta Thea Falzon Garrett.  F'dik is-sentenza nghad li Falzon Garrett mhix vinkolata mal-attrici u kwindi m'hi obbligata tivversa l-ebda hlas pretiz.  Dik is-sentenza tikkostitwixxi gudikat fil-konfront tal-partijiet, ladarba l-appell f'dik il-kawza gie dikjarat dezert.

Hekk ukoll, sa fejn l-appell odjern tressaq limitatament minn Grace Borg, f'isimha personali u bhala proprjetarja u rapprezentanti ghan-nom u f'isem id-ditta operanti bl-isem Exotique Record Label, is-sentenza odjerna appellata hija wkoll finali fis-sens li cahdet it-talbiet tal-attur Andrea Milana u ghalhekk tikkostitwixxi gudikat f'dan ir-rigward.

Imiss li jigu ndirizzati l-aggravji tal-attrici appellanti mressqa fir-rikors tal-appell taghha li essenzjalment huma tnejn:

(i) L-attrici appellanti ma taqbilx mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Hija tishaq li mill-fatti jirrizulta car li l-PBS ikkontribwiet ghad-danni sofferti minnha, peress li minkejja li kienet taf bil-kuntratt bejn l-attrici u l-konvenuta l-ohra Thea Falzon Garrett, u d-dizgwid li nqala' bejniethom, ipprocediet mal-intimata Falzon Garrett, minghajr ma hadet mizuri sabiex jigu protetti l-interessi ta' terzi u dan bl-aktar mod mhux professjonali u li jmur kontra kull etika. Dan l-agir tacitu u passiv, l-appellanti ssejjahlu bhala negligenti u li jirrendi lis-socjetà konvenuta appellata hatja, talli flimkien mal-konvenuta appellata l-ohra, kkagunawlha danni. L-appellanti tixli lis-socjetà konvenuta appellata bil-konsapevolezza tal-vjolazzjoni kuntrattwali, u li ppartecipat fil-ksur tal-kuntratt u d-danni rizultanti, flimkien mal-konvenuta appellata l-ohra. Dan meta s-socjetà konvenuta appellata, li hija kkontrollata mill-amministrazzjoni pubblika, messha agixxiet b'mod aktar kawt u responsabbli.

(ii) L-appellanti tikkontendi wkoll li, l-ewwel Qorti zbaljat meta fil-konsiderazzjonijiet taghha qieset li l-hrug tal-mandati kienu intenzjonati biss li jiddemoralizzaw lil Thea Falzon Garrett, li kienet zaghzugha fil-bidu tal-karriera muzikali taghha. Dan meta l-istess Qorti ddecidiet li l-kwistjoni fil-konfront ta' din il-konvenuta kellha tibqa' mpregudikata stante li kien jifforma mertu ta' proceduri ohra. Tishaq li l-atti gudizzjarji li saru kienu legali u saru sabiex jigu protetti l-interessi taghha. Tinsisti li l-fatt li l-konvenuta Thea Falzon Garrett kienet minorenni u fil-bidu tal-

karriera muzikali taghha ma jfissirx li huwa gust li tigi ezonerata mill-obbligi taghha fil-ligi. Jekk kien hemm obbligazzjoni, din kellha tigi onorata anke jekk jinqala' dizgwid bejn il-partijiet, u jekk dan ma jsirx, il-parti li ma tonorax l-obbligi taghha, ghandha thallas ghad-danni li gew ikkawzati lill-parti l-ohra.

Jigi osservat illi filwaqt li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta Thea Falzon Garrett hija wahda ta' danni naxxenti minn ksur t'obbligi kuntrattwali, materja li kif inghad qabel, illum tinsab deciza finalment permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Novembru, 2014 (Rikors Numru, 149/2010), kif ipprecizat mill-istess appellanti, l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta appellata, hija wahda ta' danni kkawzati minn kwazi-delitt ossia, culpa akwiljana.

Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "**Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti**" fl-artikoli 1029 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (artikolu 1031) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi (artikolu 1033). F'dan l-ahhar kaz, jinghad ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li jimporta li:

> “*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’aforisma ‘qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*” (**Giorgi - Obbligazioni Vol V pag 151).**

Kif rilevat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**, li sussegwentement giet kkonfermata minn din il-Qorti, fis-27 ta’ Ottubru, 2017:

> *“… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*
>
> *..Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*
>
> *Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*
>
> *… Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex “il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha” (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad li apparti li din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti, wara li din il-Qorti rat l-atti tal-kawza, ma tara ebda raguni l-ghala tali apprezzament ghandu jigi disturbat. Dana jinghad peress illi ghalkemm l-appellanti tikkritika bl-ahrax l-agir tas-socjetà konvenuta PBS, u tghid li s-socjetà appellata ma hadet ebda prekawzjoni jew mizuri sabiex jigu protetti l-interessi ta' terzi, l-appellanti ma taghti ebda ezempju kostruttiv ta' dan. L-appellanti ssemmi episodju

fejn meta hija kienet *chairperson* u kien hemm kwistjoni ma' kantanta ohra li nqalghet, il-kwistjoni kienet giet rizolta permezz t'emenda fil-kuntratt u l-*management* tal-kantanta kienu telghu bhala parti mid-delegazzjoni gewwa l-Ukrajna. Madankollu, jigi mfakkar li l-attrici appellanti ma kellha ebda kuntratt mal-PBS u ma jirrizultax li l-PBS kellha xi rabta jew obbligu li ttella' lill-attrici appellanti Oslo. U ghalkemm l-attrici appellanti tixli lill-PBS li l-konvenuta l-ohra kienet akkumpanjata b'nies inkompetenti, tant li tellfitha c-cans li tirbah il-*Eurovision*, ma nghatat ebda prova ta' tali inkompetenza hekk kif allegat mill-appellanti.

Anzi jigi nnutat li mill-atti jirrizulta li l-ftehim li fuqu l-appellanti ssejjes il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuta appellata Falzon Garrett, kien gie ffirmat mal-genituri tal-konvenuta fil-bidu ta' Novembru, 2009, mentri l-kanzunetta li biha l-konvenuta hadet sehem fil-*Eurosong* tas-sena 2010, kienet giet registrata fid-29 ta' Ottubru 2009. Wara li l-konvenuta Falzon Garrett rebhet il-kompetizzjoni lokali, u ghalhekk giet nominata sabiex tirraprezenta lil Malta fil-*Eurovision Song Festival*, l-appellanti baghtet ittra legali lis-socjetà konvenuta appellata sabiex tinfurmaha bl-allegat ksur tal-*exclusive artist management contract,* li kien suggett ta' proceduri gudizzjarji bejn l-appellanti u l-appellata Falzon Garrett u li permezz taghha talbet laqgha sabiex jigu ccarati xi affarijiet. L-ewwel twegiba tas-socjetà konvenuta appellata kienet fis-sens li ladarba l-proceduri gudizzjarji kienu dwar *agency rights* ma

kenitx tara l-utilità li ssir tali laqgha. Sussegwentement, pero`, ladarba gie allegat li kien hemm implikazzjonijiet fuq ir-rwol regolatorju taghha, kkoncediet li ssir laqgha bejn ir-rapprezentanti legali tal-partijiet. Ghalkemm l-attrici appellanti tikkoncedi li sehhet laqgha, din ma kellhiex ir-rizultat mixtieq minnha.

Madankollu ma jirrizultax li s-socjetà PBS ikkontribwiet b'xi mod ghad-dizgwid bejn l-appellanti u l-appellata Falzon Garrett. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, l-problemi bejn l-attrici appellanti u l-konvenuta appellata Falzon Garrett inqalghu ferm qabel meta l-konvenuta ppartecipat fil-*Eurovision Song Contest* ta' Malta. Interessanti f'dan ir-rigward hu, meta l-attrici appellanti, fl-affidavit taghha tixhed hekk:

> *"Nemmnu li hija vera li l-kwistjoni kienet bejn il-management u Thea Garrett imma nemmnu li kull kuntratt li gie ffirmat mill-PBS kien qed jinkludi percentwal tal-management u ghalhekk huwa car li kull ma kien u ghadu qed jigi ffirmat ghan-nom ta' Thea irid ikun iffirmat mill-management."*

Ma gew esebiti ebda kuntratti u lanqas tressqet ix-xhieda ta' xi rapprezentant tal-PBS, li setghet isostni dak allegat mill-appellanti fis-sens li s-socjetà konvenuta appellata ffirmat xi kuntratt f'isem il-konvenuta l-ohra Falzon Garrett. Kif lanqas tressqet l-icken prova dwar il-qligh li suppost kellhom l-konvenuti appellati mill-istess *Eurovision Song Contest*, meta l-appellanti tikkontendi li kien jispettaha sehem mill-istess qligh. Kwindi din il-Qorti taqbel perfettament mal-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fis-sens li:

> *"Il-kumpannija konvenuta kellha kull dritt li tissalvagwardja l-interessi taghha, u ma kellha l-ebda obbligu li titlob xi permess minghand l-atturi jew toqghod tindaga dwar il-kontenut ta' xi ftehim li seta' sar bejn l-attrici u l-kantanta."*

Inoltrè mhux talli ma jirrizultax li l-PBS kellha xi obbligu legali impost mil-ligi li thares l-interessi tal-appellanti, izda l-attrici appellanti ma tindikax minn fejn jirrizulta tali obbligu hekk kif allegat minnha. Hekk ukoll ghalkemm l-attrici appellanti ssostni li l-azzjoni taghha fil-konfront tal-PBS hija msejsa fuq il-kwazi-delitt, u ghalhekk issostni li jridu jikkonkorru zewg elementi, dak li l-attur ikun sofra xi hsara u li din il-hsara tkun ikkawzata mill-agir tal-attur (*sic*. socjetà konvenuta!), jew li tkun ikkontribwiet ghaliha, fl-istess nifs tghid li mhux kontestat li l-appellata Falzon Garrett ghamlet qligh! Dan meta filwaqt li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta appellata Falzon Garrett hija bbazata fuq ksur ta' obbligazzjoni kuntrattwali, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tas-socjetà konvenuta appellata P.B.S., li ma kellha ebda kuntratt mal-attrici appellanti. Jigi ribadit li ma tezistix prova ta' tali qligh, kwindi l-azzjoni attrici f'dan l-aspett ukoll ma tista' qatt tirnexxi.

Prova dwar l-allegata negligenza, nuqqas ta' diligenza jew agir li mhux sinonimu ma' dak ta' *bonus pater familias* da parti tal-P.B.S. ma tezistix u kif inghad qabel, kien jispetta lill-attrici appellanti tressaq tali prova. Ghalkemm mhux kontestat li l-P.B.S. kienet responsabbli mill-organizzazzjoni tal-*Eurovision Song Contest*, il-fatt li kien hemm dizgwid bejn l-attrici appellanti u l-appellata Thea Falzon Garrett, ghal liema

dizgwid zgur li l-P.B.S. ma' kellha ebda htija, certament ma kellux iwassal lill-P.B.S. li thassar il-partecipazzjoni ta' Malta mill-*Eurovision*, kif donnha tippretendi l-attrici appellanti. Isegwi li minn kull aspett l-ewwel aggravju tal-attrici appellanti ma jistax jirnexxi.

Lanqas it-tieni aggravju tal-attrici appellanti ma jista' jintlaqa'. Dana jinghad peress li ghalkemm l-ewwel Qorti qalet *obiter* li meta tqis li dawn il-mandati kawtelatorji nhargu kontra zaghzugha li kienet ghadha fil-bidu ta' karriera fil-muzika, ma setghu jkunu xejn ghajr manuvri biex jiddemoralizzaw u joholqu ansjeta' bla bzonn lill-kantanta u l-familja taghha, effettivament fid-*decide* halliet impregudikati t-talbiet attrici appellanti fil-konfront tal-konvenuta appellata Falzon Garrett. Kif inghad qabel, ladarba din il-kwistjoni giet deciza finalment permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tas-6 ta' Novembru, 2014, fil-kawza li ggib referenza 149/2010, fejn gie deciz li Thea Falzon Garrett, mhix vinkolata mal-attrici (l-appellanti f'din il-kawza) u bhala tali, m'hi obbligata tivversa ebda hlas pretiz, din il-kwistjoni illum il-gurnata tikkostitwixxi gudikat u ma jehtieg isir ebda ezami ulterjuri ta' dan l-ilment f'dan is-sens.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici appellanti, billi filwaqt li <u>tichad</u> l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru, 2013, fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-istess attrici appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr